

32005R2127

23.12.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 340/35

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2127/2005**tat-22 ta' Diċembru 2005****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, totalment jew parzjalment fuq in-Nomenklatura Magħquda, jew li żżidilha kwalunkwe suddiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb li jiġu applikati tariffa u miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ f'oġġetti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness ta' dan ir-regolament għandhom ikunu kklasifikati taħt il-kodiċi NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' din it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jkun stiplulat li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li għandha x'taqsam mal-klassifikazzjoni tal-prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-

¹ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1719/2005 (ĠU L 286, 28.10.2005, p. 1).

Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità².

- (5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandha tkun ikklassifikata fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membri tal-Kummissjoni

² ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE)Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Vettura ġdida b'erba' roti żarmata u mhux kompluta, tat-tip 'pick up' b'magna diesel ta' ċilindrata ta' 2500 ċm³ u piż gross tal-vettura ta' 2650 kg u kapaxità ta' merkanzija totali ta' 1 000 kg.</p> <p>Il-vettura għandha filliera ta' sedili għall-żewġ persuni (inkluż is-sewwieq) u spazju miftuħ għall-merkanzija ta' tul ta' 2.28 m.</p> <p>Il-partijiet kollha huma ppreżentati u ddikkjarati lid-dwana fl-istess post u fl-istess ħin.</p> <p>Ir-radjatur, it-twieqi, ir-roti, il-batterija, ix-shock absorbers, u t-tappezzerija tas-sedili u l-bibien mhumiex preżenti.</p>	87042191	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, 2 (a) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet NM 8704 870421 u 87042191.</p> <p>Il-vettura hija kklassifikata taħt l-intestatura 8704 għaliex, kif ippreżentata, hija għandha l-karattru essenzjali ta' vettura kompleta jew vettura lesta (Regola Ġenerali 2(a) l-ewwel sentenza). Ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (HS) għall-Kapitolu 87, Ġenerali.</p> <p>Il-fatt li l-vettura hija ppreżentata żarmata ma jaffettwax il-klassifikazzjoni bħala vettura kompleta jew lesta (Regola Ġenerali 2(a) it-tieni sentenza).</p>